MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 554/2005

**HSBC BANK MALTA p.l.c**
**vs**

**Emanuel BEZZINA, bħala direttur prinċipali, Anthony BEZZINA u Josephine BEZZINA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq bil-proċedura sommarja speċjali fl-10 ta’ Ġunju, 2005, li biha l-Bank attur ippremetta;

Illi l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta’ tmienja u għoxrin elf sitt mija u tlieta u għoxrin Lira Maltin (Lm28,623) u ċioe’ kwantu għall-ammont ta’ Lm12,863.62 (tnax il-elf, tmien mija tlieta u sittin Lira Maltija u tnejn u sittin ċenteżmu) rappreżentanti bilanċ fuq kapital minn *overdraft facility* bin-numru 044-050425-341, u kwantu għal Lm611.81 (sitt mija u ħdax il-Lira Maltija u wieħed u tmenin ċenteżmu) rappreżentanti

bl-imgħaxijiet mit-28 ta’ Settembru 2004 sat-3 ta’ Mejju 2005 u kwantu għal tlettax il-elf mitejn tmienja u erbgħin lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm13,248.88) rappreżentanti bilanċ fuq kapital minn *loan facility* bin-numru 044-050425-300, u kwantu għal Lm1,898.69 (elf tmien mija, tmienja u disgħin lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu) rappreżentanti imgħaxijiet mit-18 ta’ Jannar 1999 sat-3 ta’ Mejju 2005 sabiex flimkien jagħmlu s-somma globali dovuta ta’ Lm28,623 mogħtija lilu mill-bank attur u dan skond kopji ta’ kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa datati 29 ta’ Novembru 1997 u statement *of account* hawn annessi u markati bħala Dok. A, Dok. B u Dok. C rispettivament, oltre l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%)  mill- 4 ta’ Mejju 2005 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi għalkemm interpellati biex iħallsu l-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Għaldaqstant is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b’dispensa għas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikolu 167-170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lil Bank attur s-somma komplessiva ta’ tmienja u għoxrin elf sitt mija u tlieta u għoxrin lira Maltija (Lm28,623) u ċioe kwantu għall-ammont ta’ Lm12,863.62 (tnax il-elf, tmien mija tlieta u sittin Lira Maltija u tnejn u sittin ċenteżmu) rappreżentanti bilanċ fuq kapital minn *overdraft facility* bin-numru 044-050425-341, u kwantu għal Lm611.81 (sitt mija u ħdax il-lira Maltija u wieħed u tmenin ċenteżmu) rappreżentanti imgħaxijiet mit-28 ta’ Settembru 2004 sat-3 ta’ Mejju 2005 u kwantu għal tlettax il-elf, mitejn tmienja u erbgħin Lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm13,248.88) rappreżentanti bilanċ fuq kapital minn *loan facility* bin-numru 044-050425-300, u kwantu għal Lm1,898.69 (elf, tmien mija u tmienja u disgħin lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu) rappreżentanti imgħaxijiet mit-18 ta’ Jannar 1999 sat-3 ta’ Mejju 2005 sabiex flimkien jagħmlu s-somma globali dovuta ta’ Lm28,623 mogħtija

lilu mill-bank attur u dan skond kopji ta’ kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa datati 29 ta’ Novembru 1997 u *statement of account* hawn annessi u markati bħala Dok. A, Dok. B u Dok. C rispettivament, oltre l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mill-4 ta’ Mejju 2005 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż kollha, nklużi l-V.A.T, l-ittri uffiċjali tas-7 ta’ Marzu 2005 (Dok. D u E) u bl-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mill-4 ta’ Mejju 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-smigħ tal-24 ta’ Novembru, 2005, li fih l-imħarrka Josephine Bezzina, f’isimha u f’isem l-imħarrkin l-oħrajn, laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża u talbet li l-istess imħarrkin jitħallew jikkontestaw il-kawża;

Rat li, minkejja d-degriet tagħha tal-24 ta’ Novembru, 2005, l-imħarrkin baqgħu ma ressqux Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-lum mill-avukat tal-imħarrkin, li biha huma stqarrew it-talbiet kif imressqa kontra tagħhom;

Rat id-dikjarazzjoni u sottomissjonijiet magħmulin mill-partijiet waqt is-smigħ tal-lum dwar konsiderazzjonijiet dwar il-kap tal-ispejjeż tal-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Tqis li dwar il-kwestjoni tal-ispejjeż tal-kawża, l-imħarrkin qegħdin jissottomettu li m’għandhomx ibatu l-ispejjeż tal-kawża u dan għar-raġunijiet indikati minnhom fil-verbal tas-smigħ tal-lum, u wara li huma kienu irreġistraw l-ammissjoni tagħhom;

Il-Qorti tqis li l-kwestjoni tal-kap tal-ispejjeż f’kawża hija determinata mill-artikolu 223 tal-Kap 12. Tqis ukoll li l-ammissjoni min-naħa tal-parti mħarrka tat-talbiet attriċi, filwaqt li hija fiha nfisha ċirkostanza li taħdem biex

tnaqqas l-ispejjeż ġudizzjarji kif taxxati, tfisser li dik il-parti tkun ikkonfermat ukoll li hija tkun telliefa għall-finijiet ta' dawk it-talbiet a tenur tal-artikolu 223(1). Il-Qorti hija wkoll mogħtija s-setgħa li, għal xi raġuni meqjusa tajba, tordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha (art 223(3) tal-Kap.12), jew li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

Illi l-Qorti tifhem u tagħder ir-raġunijiet indikati mill-imħarrkin fl-appell tagħhom dwar il-kap tal-ispejjeż, iżda ssib li dak ir-rikjam ma jistax jitqies bħala raġuni tajba biex il-Qorti tgħabbi, mqar f'parti, lill-Bank attur b'dak il-kap. Dan jingħad ukoll għaliex, minn eżami b'reqqa tal-provi riżultanti mill-atti tal-kawża, jidher li l-Bank attur mexa skrupolożamnet mal-proċedura pattwita u mal-proċedura ġudizzjarja preskritta, minkejja mhux ftit tad-diffikulta' biex jinnotifika kif imiss lill-imħarrkin. Fis-setgħet li l-Qorti għandha, hija tirrakkomanda li dawn iċ-ċirkostanzi jitqiesu sewwa u b'mod umanitarju mill-Bank kreditur fil-fażijiet li jmisshom isiru biex jeżegwixxu din is-Sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba** u dan fid-dawl tad-degriet tagħha tal-24 ta' Novembru, 2005;

**Tilqa' t-tieni talba** fuq ammissjoni tal-imħarrkin, u għalhekk tikkundannahom flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' Lm28,623, li in kwantu għal Lm12,863.62 tirrappreżenta l-bilanċ fuq kapital minn faċilita' ta' "overdraft" (044-050425-34); in kwantu għal Lm611.81 rappreżentanti mgħaxijiet fuq l-istess faċilita' bejn Settembru tal-2004 sa Mejju tal-2005; in kwantu għal Lm13248.88 li tirrappreżenta l-bilanċ fuq faċilita' ta' self (044-050425-300); u kwantu għal Lm1898.69, rappreżentanti l-imgħaxijiet fuq l-imsemmija faċilita' minn Jannar tal-1999 sa Mejju tal-2005; u

**Tikkundanna lill-imħarrkin** biex, flimkien u in solidum bejniethom iħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża flimkien mal-imgħaxijiet legali oħrajn fuq is-somma msemmija fit-tieni talba b'effett mill-4 ta' Mejju, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------